MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2005

Appell Kriminali Numru. 145/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**
**(Spettur Ramon Mercieca)**

**Vs**

Christopher Ellul

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar it-2 ta' Settembru, 2004, ghall-habta tat-8.00 ta' filghodu, fil-Belt, Valletta :**
**1) kkommetta attentat vjolent ghall-pudur fuq Ritianne Spiteri mill-Hamrun u dan bi ksur tal-Artikolu 207 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**2) fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi, offenda l-pudur jew il-morali b'eghmil li sar f'lok pubbliku u/jew**

**f'lok espost ghall-pubbliku w dan bi ksur tal-Artikolu 209 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**3) fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti, w barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess Ritianne Spiteri kontra l-volonta' taghha w dan bhala mezz biex tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha w li b'liema zamma jew sekwestru Ritianne Spiteri giet offiza fuq il-persuna taghha jew mheddha bil-mewt u dan bi ksur ta' Artikoli 86, 87(1)(g) tal-Kap 9. tal-Ligijiet ta' Malta;**
**4) talli sar recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali billi kkommetta reat, wara sentenzi li saru definittivi datati 7/5/01 (Qorti tal-Appell ta' Malta), 3/10/00 Mgt. Dr. C. Peralta LL.D (Qorti tal-Magistrati ta' Malta) u 4/4/03 Mgt., Dr. M. Hayman LL.D (Qorti tal-Magistrati ta' Malta).**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Mejju, 2005, li biha, wara li rat l-artikoli 17(b), 31, 49, 50, 86, 87(1)(g), 207, 209 tal-Kap. 9, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha w wara li qieset il-pieni kontemplati fl-artikoli msemmija kif ukoll l-ammissjoni bikrija tieghu, kkundannatu ghall-piena karcerarja ta' sentejn (2) u rrakkomandat lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin li jikkonsulta lill-Probation Officer Ivan Sultana u lil kull min, fil-fehma tieghu, jista' jaghtih dawl dwar l-ahjar kura li jista' jinghata l-imputat. Jekk l-imputat jaghti l-kunsens tieghu, ikun tajjeb li jikkonsulta lil Dr. Charles Cassar psikoterapista.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-9 ta' Mejju, 2005 li bih talab lil din il-Qorti jogghobha tilqa' dan l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi (a) tikkonfermaha ghal dak li jirrigwarda r-reita' w (b) thassaraha fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena aktar ekwa w gusta ghac-cirkostanzi specjali ta' dan il-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma, illi, filwaqt illi jammetti li ma hemm l-ebda gustifikazzjoni ghall-komportament tieghu w kien qed jiskuza ruhu w jiddikjara li jiddispjacih ferm jekk minhabba l-ghemil tieghu Ritienne Spiteri soffriet xi disturb, il-fatturi mitiganti li hadet in konsiderazzjoni l-Ewwel Qorti, l-ammissjoni bikrija tieghu w l-aspett umanitarju xorta wahda kienu jwasslu biex is-sentenza appellata ma kienx se jkollhom l-effett mixtieq u ma kienux se jkunu ta' utilita' ghall-kondizzjonijiet partikolari li minnha jbati l-appellant. Dan ghaliex l-impulsi li jbati minnhom huma tali li jridu kura intensiva w ma jistghux jigu kontrollati bid-detenzjoni w ghalhekk il-habs jista' jkun ta' aktar hsara ghall-esponent. Ghalhekk talab li jkun hemm temperament fil-piena.

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w debitament ezaminata mid-difiza.**

**Semghet it-trattazzjoni.**

**Ikkonsidrat**

**Illi mill-fedina penali tal-appellant jirrizulta li l-appellant diga' nstab hati w ikkundannat mill-Qrati seba' darbiet ohra ta' reati simili jekk mhux identici w darba gie liberat b'kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn, darba gie mmultat tlett mitt lira Maltin (LM300), tlett darbiet gie kkundannat ghal zmien ta' prigunerija sospiza, darba gie kkundannat ghal tlett snin u erba' xhur prigunerija, darba ohra ghal sitt xhur prigunerija w darba ghal sentejn prigunerija, w b'dana kollu, l-appellant jidher li baqa' ma tghallem xejn u baqa' ghaddejj bil-hajja kriminuza tieghu.**

**Rat illi l-aggravju illi jkun ahjar illi hu jitpogga taht kura intensiva ta' psikoterapista minflok habs ma jreggix u tali kura li gja rrakkomandat l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, jekk l-appellant irid jissottometti ruhu ghaliha, tista' ssir liberalment anki**

**waqt li hu jkun qed jiskonta s-sentenza lilu erogata mill-Ewwel Qorti. Mill-banda l-ohra pero’ s-socjeta’ w partikolarment persuni ta’ sess femminili jridu jigu protetti mill-impulsi sesswali bla kontroll tal-appellant u jidher li l-uniku mezz kif dan isir huwa billi l-appellant jitnehha mic-cirkolazzjoni b’piena restrittiva tal-liberta’.**

**Illi l-piena erogata mhi bl-ebda mod harxa izzejjed jew sproporzjonata jew eccessiva tenut kont tan-natura tar-reati komessi w l-fedina penali tal-appellant u certament hija entro l-paramentri legali.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata u taghmel taghha l-istess rakkomandazzjoni li ghamlet l-Ewwel Qorti biex jekk hu possibbli w jekk irid l-appellant, waqt li jkun detenut fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin, jircievi t-terapija indikata.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------